MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2005

Numru. 572/2002

Il-Pulizija
(Sup Pio Pisani)
vs
Nicholas Farrugia, iben Victor,
imwieled Pieta’ fit-30 ta’
ġunju, 1971

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
talli f’dawn f’dawn il-Gżejjer, u cioe’ fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, fl-4 ta’ settembru, 2001 għal ħabta tas-6.30 p.m. volontarjament ħassar għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u cioe’ fil-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni MVS 224, tal-marka Maruti Zen, proprjeta’ ta’ Mauro Spiteri, liema ħsara ma tisskorriex il-ħames mitt lira maltin (Lm500) imma izjed minn ħamsin lira maltin (Lm50) u cioe’ Lm182.03.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta’ novembru, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat fejn tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –fl-artikoli 325(a), 20 u 383 tal-Kodiċi Kriminali; bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ mejju, 2005 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ mejju, 2005 fejn il-Qorti ġiet infurmata li d-danni ġew imħallsa.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ mejju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuiba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok tal-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------